32004D0840

8.12.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 361/41

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta-30 ta' Novembru 2004

## approvazzjoni ta' programmi għall-eradikazzjoni u monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali u ta' kontrolli bil-għan li jipprevenu żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għas-sena 2005 u l-iffissar tal-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità

*(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 4600)*

(2004/840/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna l-infieq fil-qasam veterinarju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(6) u l-Artikoli 29 u 32 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprovdi għall-possibbiltà ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-mard ta' l-annimali u ta' kontrolli bil-għan li jipprevenu żoonosi.

(2) L-Istati Membri ppreżentaw programmi għall-eradikazzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali kif ukoll għall-prevenzjoni ta' żoonosi fit-territorji tagħhom.

(3) Wara eżaminazzjoni ta' dawk il-programmi huma nstabu konformi mal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja relevanti u b'mod partikolari mal-kriterji tal-Komunità relatati ma' l-eradikazzjoni ta' dak il-mard, fi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tistipula kriterji tal-Komunità għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali ([2]).

(4) Dawk il-programmi jidhru fuq il-lista tal-programmi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/695/KE ta' l-14 ta' Ottobru 2004 dwar il-lista ta' programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' mard ta' l-annimali u kontrolli bl-għan li jipprevenu żoonosi li jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2005 ([3]).

(5) Fid-dawl ta' l-importanza ta' dawn il-programmi għall-ksib ta' l-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika, huwa xieraq li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità tiġi ffissata għal 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Istati Membri kkonċernati għall-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

(6) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni ([4]), programmi għall-monitoraġġ u għall-eradikazzjoni ta' mard ta' l-annimali jridu jiġu ffinanzjati taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola; għal skopijiet ta' kontroll finanzjarju, Artikoli 8 u 9 tar-Regolament Nru 1258/1999 japplikaw.

(7) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għanda tiġi mogħtija soġġetta għall-kundizzjoni li l-azzjonijiet ppjanati huma mwettqa b'mod effiċjenti u li l-awtoritajiet kompetenti jfornu l-informazzjoni kollha neċessarja fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(8) Hemm il-bżonn li tiġi kjarifikata r-rata li trid tintuża' għall-konverżjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet preżentata fil-munita nazzjonali kif definita fl-Artikolu 1 (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ([5]).

---

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 347, tat-12.12.1990, p. 27. Id-Deċiżjoni kif emendat bid-Direttiva 92/65/KEE (ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54).

([3]) ĠU L 316, tal-15.10.2004, p. 87.

([4]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.

([5]) ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.

(9) L-approvazzjoni ta' wħud minn dawk il-programmi m'għandux jippreġudika deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar regoli għall-eradikazzjoni tal-mard konċernat ibbażat fuq parir xjentifiku.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## KAPITOLU I

### Idrofobija

*Artikolu 1*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mill-Awstrija huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Awstrija għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 180 000 EUR.

*Artikolu 2*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mir-Repubblika Ċeka huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mir-Repubblika Ċeka għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 400 000 EUR.

*Artikolu 3*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mill-Ġermanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Ġermanja għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 400 000 EUR.

*Artikolu 4*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mill-Finlandja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Finlandja għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR.

*Artikolu 5*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mill-Litwanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Litwanja għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm isemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 900 000 EUR.

*Artikolu 6*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mill-Polonja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Polonja għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 1 500 000 EUR.

*Artikolu 7*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mis-Slovenja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Litwanja għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 200 000 EUR.

*Artikolu 8*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-idrofobija ppreżentat mis-Slovakkja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mis-Slovakkja għax-xiri u d-distribuzzjoni tal-vaċċin kif ukoll għat-tħajjir għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 400 000 EUR.

## KAPITOLU II

Bruċellosi Bovina

*Artikolu 9*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentata minn Ċipru huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Ċipru għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 10*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentata mill-Greċja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Greċja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 11*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentata minn Spanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Spanja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 5 000 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 12*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentat mill-Irlanda huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Irlanda għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 5 000 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 13*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Italja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 3 000 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 14*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentata mill-Polonja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Polonja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 800 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 15*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentat mill-Portugall huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Portugall għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 1 800 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 16*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi bovina ppreżentat mir-Renju Unit huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mir-Renju Unit għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 5 000 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

## KAPITOLU III

### Tuberkolosi Bovina

*Artikolu 17*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkolosi bovina ppreżentata minn Ċipru huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Ċipru għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 5 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tat-tuberkolina;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 18*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkolosi bovina ppreżentata mill-Greċja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Greċja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tat-tuberkolina;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 19*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkolosi bovina ppreżentat minn Spanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Spanja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 4 000 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tat-tuberkolina;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 20*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkolosi bovina ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Italja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 2 500 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tat-tuberkolina;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 21*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkolosi bovina ppreżentat mill-Polonja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Polonja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 700 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tat-tuberkolina;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 22*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkolosi bovina ppreżentat mill-Portugall huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Portugall għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 250 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tat-tuberkolina;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

**KAPITOLU IV**

Lewkożi enżootika bovina

*Artikolu 23*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-lewkożi enżootika bovina ppreżentat mill-Estonja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Estonja għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1, u mhux ser taqbeż 25 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 24*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-lewkożi enżootika bovina ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Italja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 250 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 25*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-lewkożi enżootika bovina ppreżentat mill-Litwanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mil-Litwanja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 200 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 26*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-lewkożi enżootika bovina ppreżentat mil-Latvja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mil-Latvja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 27*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-lewkożi enżootika bovina ppreżentat mill-Portugall huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Portugall għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 200 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

**KAPITOLU V**

Bruċellosi Ovina u Kaprina

*Artikolu 28*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentat minn Ċipru huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Ċipru għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 175 000 EUR, għal:

a) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

b) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 29*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentat mill-Greċja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Greċja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 800 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) salarji ta' veterinarji kuntrattwali speċjalment dawk imqabbda għal dan il-programm.

*Artikolu 30*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentat minn Spanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Spanja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 6 500 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 31*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentat minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Franza għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 300 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 32*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Italja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 4 500 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

*Artikolu 33*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentat mill-Portugall huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Portugall għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 1 700 000 EUR, għal:

a) ix-xiri ta' vaċċini;

b) l-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorji;

c) kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba f'dan il-programm.

**KAPITOLU VI**

Bluetongue

*Artikolu 34*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-bluetongue ppreżentat minn Spanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet entomoloġiċi u ta' l-ispejjeż tan-nases li ser isiru minn Spanja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 25 000 EUR.

*Artikolu 35*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-bluetongue ppreżentata minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet entomoloġiċi u ta' l-ispejjeż tan-nases li ser isiru minn Franza għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 50 000 EUR.

*Artikolu 36*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-bluetongue ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet entomoloġiċi u ta' l-ispejjeż tan-nases li ser isiru mill-Italja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 400 000 EUR.

**KAPITOLU VII**

Salmonella fit-tjur

*Artikolu 37*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ppreżentat mill-Awstrija huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun birrata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Awstrija għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 70 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd f'inkubatur li qed ifaqqsu;

c) jew il-qerda tal-bajd mhux inkubat li qed ifaqqsu jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd mhux inkubat li qed ifaqqsu u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III għad-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE ([1]), sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jridu jiġu mħallsa lura lill-Istat Membru.

*Artikolu 38*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ppreżentat mill-Belġju huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Belġju għall-implimentazzjoni tal-programm imsemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 400 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III tad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jridu jiġu mħallsa lura lill-Istat Membru.

*Artikolu 39*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ppreżentat mid-Danimarka huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mid-Danimarka għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 110 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III, tad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jridu jiġu mħallsa lura lill-Istat Membru.

*Artikolu 40*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ppreżentat minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Franza għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 600 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

([1]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 38.

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat li qed ifaqqsu u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III, tad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jridu jiġu mħallsa lura lill-Istat Membru.

*Artikolu 41*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ppreżentat mill-Irlanda huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Irlanda għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 50 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III, għad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jrid jiġi mħallas lura lill-Istat Membru.

*Artikolu 42*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ppreżentat mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Italja għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 600 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III, tad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jrid jiġi mħallas lura lill-Istat Membru.

*Artikolu 43*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ippreżentat mill-Olanda huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mill-Olanda għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser jaqbeż 350 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III, għad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jrid jiġi mħallaslura lill-Istat Membru.

*Artikolu 44*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tas-salmonella fit-trobbija tat-tjur ippreżentat mis-Slovakkja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mis-Slovakkja għall-implimentazzjoni tal-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser jaqbeż 100 000 EUR. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun għal:

a) jew il-qerda tat-trobbija tat-tjur jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali trobbija tat-tjur u d-dħul mill-bejgħ tal-laħam bi trattament tas-sħana miksub minn dawn it-tjur;

b) il-qerdatal-bajd li qed ifaqqas f'inkubatur ;

c) jew il-qerda tal-bajd li qed ifaqqas mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat ta' tali bajd li qed ifaqqas mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd bi trattament tas-sħana miksuba minn dawn il-bajd;

d) ix-xiri ta' vaċċini sa kemm ma jfixklux l-implimentazzjoni tal-programm;

e) l-ispejjeż tat-testijiet batterjoloġiċi magħmula fil-qafas ta' ħidma ta' teħid ta' kampjuni uffiċjali kif stabbilit f'Taqsima I ta' l-Anness III għad-Direttiva 92/117/KEE, sa ammont massimu ta' 5 EUR għal kull test li jrid jiġi mħallas lura lill-Istat Membru.

## KAPITOLU VIII

Marda ta' l-infafet fil-ħniezer

*Artikolu 45*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda ta' l-infafet fil-ħnieżer ppreżentata mill-Italja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet tal-laboratorji viroloġiċi u seroloġiċi u l-ispejjeż li ser isiru mill-Italja għal kumpens għas-sidien ta' annimali maqtula minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 200 000 EUR.

## KAPITOLU IX

Deni tal-ħnieżer klassiku

*Artikolu 46*

1. Il-programm għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentata mill-Belġju huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali li ser isiru mill-Belġju minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser jaqbeż 15 000 EUR.

*Artikolu 47*

1. Il-programm għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentat mir-Repubblika Ċeka huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali li ser isiru mir-Repubblika Ċeka minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR.

*Artikolu 48*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentat mill-Ġermanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali li ser isiru mill-Ġermanja minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 800 000 EUR.

*Artikolu 49*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentat minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali li ser isiru minn Franza minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 150 000 EUR.

*Artikolu 50*

1. Il-programm għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentat mil-Lussemburgu huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali li ser isiru mil-Lussemburgu minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 100 000 EUR.

*Artikolu 51*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentata mis-Slovenja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali li ser isiru mis-Slovenja minħabba fil-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 10 000 EUR.

*Artikolu 52*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda tad-deni tal-ħnieżer klassiku ppreżentata mis-Slovakkja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru mis-Slovakkja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1, u li mhux ser taqbeż 200 000 EUR, għal:

a) ix-xiri u d-distribuzzjoni ta' vaċċini;

b) l-ispiża ta' testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' ħnieżer domestiċi u ċingjali.

**KAPITOLU X**

Il-marda ta' Aujeszky

*Artikolu 53*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky ppreżentat mill-Belġju huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' testijiet tal-laboratorji li ser isiru mill-Belġju għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 300 000 EUR.

*Artikolu 54*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' *Aujeszky* ppreżentat minn Spanja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' testijiet tal-laboratorji li ser isiru minn Spanja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 250 000 EUR.

*Artikolu 55*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' *Aujeszky* ppreżentat mill-Ungerija huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' testijiet tal-laboratorji li ser isiru mill-Ungerija għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 50 000 EUR.

*Artikolu 56*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky ppreżentat mill-Irlanda huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' testijiet tal-laboratorji li ser isiru mill-Irlanda għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 50 000 EUR.

*Artikolu 57*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' *Aujeszky* ppreżentat mill-Portugall huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' testijiet tal-laboratorji li ser isiru mill-Portugall għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 25 000 EUR.

*Artikolu 58*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky ppreżentat mis-Slovakkja huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' testijiet tal-laboratorji li ser isiru mis-Slovakkja għall-programm msemmi fil-paragrafu 1 u li mhux ser taqbeż 25 000 EUR.

**KAPITOLU XI**

Heartwater (idroperikatite), babesiosi u anaplasmosi

*Artikolu 59*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-*heartwater* (idroperikatite), babesiosi u anaplasmosi fil-Guadeloupe ppreżentat minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

2. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-*heartwater* (idroperikatite), babesiosi u anaplasmosi fil-Martinique ppreżentat minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

3. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-*heartwater* (idroperikatite), babesiosi u anaplasmosi fir-Réunion ppreżentat minn Franza huwa hawnhekk approvat għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità ser tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż li ser isiru minn Franza għall-implimentazzjoni tal-programmi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, u li mhux ser taqbeż 150 000 EUR.

**KAPITOLU XII**

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

*Artikolu 60*

1. Għall-programmi msemmija fl-Artikoli 9 sa 33, l-ispejjeż eleġibbli għall-kumpens għall-qtil ta' annimali ser ikun limitat kif provdut fil-paragrafi 2 u 3.

2. Il-kumpens medju li ser jitħallas lura lill-Istati Membri ser ikun ikkalkulat fuq il-bażi tan-numru ta' annimali maqtula fl-Istati Membri u:

a) għal annimali bovini, sa massimu ta' 300 EUR għal kull annimal;

b) għal nagħaġ u mogħoż, sa massimu ta' 35 EUR għal kull annimal.

3. L-ammont massimu ta' kumpens li ser jingħata lill-Istati Membri għal kull annimal mhux ser ikun aktar minn 1 000 EUR għal kull annimal bovin u 100 EUR għal kull nagħġa jew mogħża.

*Artikolu 61*

1. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li jridu jitħallsu lura lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fl-Artikoli 9 sa 33 u 53 sa 58 mhux ser ikunu aktar minn:

| | | |
|---|---|---|
| a) | it-test tal-warda ta' Bengala | 0,3 EUR għal kull test; |
| b) | complement fixation test: | 0,6 EUR għal kull test; |
| c) | it-test ta' l-ELISA | 1 EUR għal kull test; |
| d) | it-test ta' l-immuno diffużjoni ta' l-agar ġel | 0,8 EUR għal kull test; |
| f) | it-test tat-tuberkulina | 0,8 EUR għal kull test; |
| g) | it-test tal-gamma-interferon | 3 EUR għal kull test; |
| h) | id-doża tal-vaċċin: | ,1 EUR għal kull doża; |

*Artikolu 62*

Ir-rata ta' konverżjoni għall-applikazzjonijiet ippreżentati fil-munita nazzjonali fix-xahar "n" ser ikun dak ta' l-għaxar ġurnata tax-xahar "n+1" jew għall-ewwel ġurnata ta' qabel għal liema rata hija kkwotata.

*Artikolu 63*

1. Il-kontribuzzjoni finali mill-Komunità għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 59 ser jingħataw sa kemm l-implimentazzjoni tagħhom hi konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Komunitarja, inklużi regoli dwar kompetizzjoni u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, u soġġetta għall-kundizzjonijiet provduti fil-punti (a) sa (f):

a) li ġġib fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2005 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi mill-Istat Membru kkonċernat għall-implimentazzjoni tal-programm;

b) li tressaq il-quddiem sa' l-1 ta' Ġunju 2005 l-iktar tard, l-evalwazzjoni teknika u finanzjarja preliminari tal-programm, fi qbil ma' l-Artikolu 24(7) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

c) li tressaq il-quddiem rapport intermedju, li jkopri l-ewwel sitt xhur tal-programm, l-aktar tard sa erba' ġimgħat wara l-perijodu ta' implimentazzjoni li hu kopert mir-rapport;

d) li tressaq il-quddiem rapport finali sa l-1 ta' Ġunju 2006 l-aktar tard, dwar l-eżekuzzjoni teknika tal-programm flimkien ma' evidenza li tiġġustifika l-ispejjeż mħallsa u r-riżultati miksuba matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005;

e) implimentazzjoni effiċjenti tal-programm;

f) l-ebda kontribuzzjoni oħra Komunitarja ma ntgħalbet jew ser tiġi mitluba għal dawn il-miżuri.

2. Jekk Stat Membru ma jkunx konformi mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni ser tnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Komunità lil dak l-Istat Membru skond in-natura u l-gravità tal-ksur, u t-telf finanzjarju sostnut mill-Komunità.

*Artikolu 64*

Din id-Deċiżjoni ser tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

*Artikolu 65*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-30 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*